# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 1.5

**Kap 1:Id-Dinja Sabiħa**

**Lezzjoni 1.5 – Ningħaqdu flimkien u nieħdu gost!**

**L-Għanijiet:**




**L-istudenti:**

1.Niċċelebraw flimkien għax aħna aħwa ta' xulxin.

2. Jieħdu pjaċir permezz tal-kant, mużika u tpinġija.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**



- *Song: The more we get together:*

http://www.youtube.com/watch?v=lldmkrJXQ-E

- *Song: Joy in my heart:*

http://www.youtube.com/watch?v=q7ktc4vHJxI

- *jigsaw puzzle* (l-għalliema tagħmel *table* bil-kaxxi skont kemm għandha studenti fil-klassi. F' kull kaxxa tikteb isem u mbagħad tpinġi *outline* ta' *jigsaw piece*. Tqasqas kull biċċa, tagħtihom lill-istudenti, ipinġuhom u wara jgħaqqduhom flimkien fuq *chart* sabiex jiffurmaw *jigsaw puzzle*. L-istudenti jiddedċiedu titlu flimkien; eżempju: Fil-klassi, magħqudin u ferħanin!)

**Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu**

- Introduċi l-lezzjoni billi tistaqsi lit-tfal:
  - Kif sejrin fil-klassi u kif qed tħossukom mal-ħbieb?
  - Qegħdin tieħdu gost taħdmu flimkien?
  - Qegħdin tiftehmu u taqsmu l-ideat flimkien?
  - Kif iridna nġibu ruħna Ġesu'...ngħinu 'l xulxin jew miġġeldin?



**Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)**

- Staqsi lit-tfal: X'jiġri meta nkunu ħbieb? paci – ferħ – għaqda – imħabba.
- Staqsi: X'jiġri meta niġġieldu? – ikollna t-tgerfix, inkunu mdejqa - ma jkunx hemm għaqda.
- Spjega wkoll li meta jkun hemm il-ġlied bejn il-ħbieb l-ambjent ma jkunx sew għax ħadd ma jkun liberu li jgħid li jrid u jagħmel dak li hemm bżonn għax ikun hemm il-biża' li wieħed iweġġa' lill-ieħor.
- Semmgħalhom id-diska *The more we get together*: http://www.youtube.com/watch?v=lldmkrJXQ-E



Wara, agħti biċċa minn jigsaw puzzle lil kull student/a. Tista' tlesti l-ismijiet minn qabel u tista' tistaqsi lit-tfal biex jiktbu isimhom kbir biex jidher. It-tfal għandhom ipinġu l-biċċa tagħhom bil-kulur favorit tagħhom u jżejnuha kif iridu. B' hekk se noħorġu d-differenza fil-gosti tagħna. Fl-aħħar, għaqqad il-biċċiet kollha flimkien, dellikhom bil-kolla bajda u waħħalhom fuq kartonċina. Flimkien agħżlu titlu għaċ-ċart:

Eżempju: Differenti iżda xorta magħqudin flimkien.

Staqsi lit-tfal kif qed iħossuhom

- Agħlaq billi tkanta is-song: *Joy in my heart:*

http://www.youtube.com/watch?v=q7ktc4vHJxI

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Alla ħalaqna differenti pero' lkoll sbieħ.
2. Meta ningħaqdu, noħorġu affarijiet isbaħ u nħossuna aktar ferħana.
3. F'ħajtu, Ġesu' wriena li jridna nħobbu lil kulħadd għax hu ħabb, għen u miet għal kulħadd.



## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

L-istudenti jaħdmu flimkien ħa

jkunu aktar ferħanin.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

Kif inħossuna meta naċċettaw lill-ħbieb f' ħajjitna?

Inkantaw *Joy in my heart*:

http://www.youtube.com/watch?v=q7ktc4vHJxI



## Nitolbu

Mulej, għinna nitgħallmu naċċettaw lil ħaddieħor f' ħajjitna u napprezzaw l-għajnuna tagħhom. Meta naħdmu flimkien, inħossuna aħjar. Grazzi, Mulej, tal-għajnuna tiegħek.

